MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 322/2006/1

**Moira Zammit Tabona u b'nota tal-1 ta' Ottubru 2002, Antoine Camilleri assuma l-atti ta' din il-kawza flok l-attrici assenti minn dawn il-gzejjer**

**v.**

**Silmar Limited, Richard Zammit Tabona u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2006, is-socjeta` SMS Group Ltd (C30343) l-atti tal-kawza minflok Silmar Limited li ma ghadhiex tezisti**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` SMS Group Limited tal-21 ta' Novembru 2006, li permezz tieghu talbet is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet premessi, tat-3 ta' Novembru 2006, skond l-Artikolu 823 tal-Kap. 823 tal-Kap. 12, u dan pendenti l-proceduri ta' ritrattazzjoni istitwiti mill-istess socjeta` rikorrenti liema rikors ghar-ritrattazzjoni gie prezentat fl-istess gurnata u kontestwalment mar-rikors odjern;

Rat ir-risposti tal-kontroparti tat-22 ta' Novembru 2006;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Rat l-Artikolu 823 tal-Kap. 12;  rat ukoll, a propozitu tal-garanzija msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 823 il-provvediment ta' din il-Qorti (diversament komposta) tat-18 ta' Ottubru 2005, fl-ismijiet "Kunsill Lokali Mellieha et v. Central Mediterranean Development Corporation Limited et";

Peress li l-Qorti mhix sodisfatta illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lis-socjeta` rikorrenti milli t-twaqqif ta' l-istess tkun tikkaguna lill-attrici;

Tichad it-talba.  Spejjez, jekk hemm, ikunu a karigu tas-socjeta` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------